QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE K.C., B.A., LL.D.

Illum l-Erbgha, 10 ta' Lulju 2002

Numru 9

Citaz. Nru. 1137/90 FD

Helen Montebello debitament awtorizzata biex tghaddi ghall-procedura odjerna b'digriet numru 1078/90 f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri Michael, Maria Helena u Daniela

Vs

Laurence sive Lawrence Montebello

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-partijiet izzewgu fis-26 ta' Gunju 1976 fil-knisja tal-Capuccini, Floriana;

Premess illi kellhom tlett itfal minuri Michael (tlettax-il sena), Maria Helena (hdax-il sena) u Daniela (disa' snin);

Premess l-konvenut irrenda hutu hati versu l-attrici ta' sevizzi, ngurji gravi, theddid u adulterju;

Premess illi l-attrici giet debitament awtorizzata tipprocedi ghal separazzjoni personali b'digriet numru 1078/90 (Dok. A);

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tawtorizza lill-attrici tissepara *ad mensa et thoro* minn mal-konvenut;

2. Taghti l-kura u kustodja tal-minuri Michael, Maria Helena u Daniela favur l-attrici;

3. Tiffissa retta alimentarja ghaliha u ghal uliedha minuri Michael, Maria Helena u Daniela;

4. Tawtorizza lill-attrici tiehu pussess u tamministra l-proprjeta` dotali u parafernali taghha, skond l-artiklu 50 tal-Kodici Civili;

5. Tapplika kontra l-konvenut il-konsegwenzi indikati fl-artiklu 48 u 54 u favur l-attrici l-artiklu 53 ilkoll tal-Kodici Civili;

6. Tapplika l-artiklu 55 tal-Kodici civili u tillikwida u taqsam il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u tassenja lil kull parti nofs l-istess komunjoni ta' l-akkwisti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz ir-rikors 470A, u rikors ghal separazzjoni personali 1139/90;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li mhux minnu li l-eccipjent irrenda ruhu hati versu l-attrici ta' sevizzi, ingurji gravi, theddid u adulterju kif qed tallega l-attrici fic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Mejju 1991 li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Joseph Zammit McKeon bhala espert legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Gunju 1994 li permezz tieghu gie nominat il-Perit Anthony Bailey biex jaghmel l-istimi opportuni;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi Perit Anthony Bailey li tinsab a fol 52 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fil-25 ta' April 1995;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Marzu 1998 li permezz tieghu ssostitwit lill-imsemmi Dr. Joseph Zammit McKeon bl-avukat Dr. Mark Chetcuti bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi Dr. Mark Chetcuti li tinsab a fol 187 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tat-3 ta' Novembru 1999;

Rat in-nota pprezentati mill-abbli difensuri;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi permezz ta' din il-kawza l-attrici talbet li l-Qorti tiddikjara s-separazzjoni taghha minn mal-konvenut u dan minhabba diversi nuqqasijiet allegati liema nuqqasijiet kienu jinkludu wkoll l-adulterju; l-attrici ghamlet ukoll is-soliti domandi dwar ix-xoljiment u d-divizjoni tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti, dwar il-manteniment, u dwar il-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri;

Illi dwar it-talba principali, cioe` dik tad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni, jigi rilevat li permezz ta' verbal waqt seduta peritali li nzammet fil-15 ta' Gunju 1994, iz-zewg kontendenti qablu li z-zwieg ta' bejniethom kien tkisser minhabba inkompatibilita` ta' karattru u li t-talba relattiva fic-citazzjoni kellha tintlaqa fuq dan il-bazi; il-partijiet ezentaw ukoll lil xulxin milli jressqu aktar provi dwar dan u lill-espert legali milli jirrelata a propozitu ta' din it-talba;

Illi permezz tat-tieni domanda taghha l-attrici talbet illi tigi akkordata lilha l-kura u l-kustodja tat-tlett ulied imsemmija fic-citazzjoni liema ulied allura kienu kollha taht l-eta`; dina l-kawza ilha pendenti aktar minn hdax-il sena u rrizulta li fil-mori taghha l-ulied kollha imsemmija saru issa maggorenni u ghalhekk il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina t-tieni talba;

Illi dwar ir-raba' domanda, cioe` dik rigwardanti l-pussess u l-amministrazzjoni tal-proprjeta` dotali u parafernali ta' l-attrici irid jigi rilevat li ghalkemm ma tressqux ebda provi konklusivi dwar dawn il-beni u l-konsistenza taghhom, u ghalhekk dwar il-kwistjoni tal-pussess ma hemmx fuq xhiex tinghata decizjoni, in kwantu din it-talba tirrigwarda l-amministrazzjoni tal-beni dotali u parafernali, din it-talba ghanda tigi akkolta;

Illi fil-hames domanda l-attrici talbet li jigu applikati kontra l-konvenut il-konsegwenzi elenkati fl-artikoli citati fic-citazzjoni u li llum gew emendati; mill-provi prodotti (oltre l-imsemmi verbal tal-15 ta' Gunju 1994) ma jidhirx li tali talba hija gustifikata b'dan pero` li ghandu jigi dikjarat li l-kontendenti tilfu d-drittijiet successorji reciproci taghhom;

Illi fis-sitt domanda l-attrici talbet li l-Qorti tillikwida u tiddividi l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti; illi dwar il-konsistenza tal-beni mobbli fil-komunjoni ta' l-akkwisti, il-konvenut ipprezenta lista skarna u mhux korroborata ta' dak kollu li huwa jikkontendi li l-attrici hadet mid-dar matrimonjali meta telqet tghix ghal rasha. L-attrici fl-10 ta' Novembru 1998 xehdet dwar din il-lista b'mod altro tanto leggier fejn cahdet parti sostanzjali minn dak li ddikjara zewgha ghalkemm anki dwar dan ebda forma ta' provi ma tressqu;

Illi l-Qorti tifhem li l-abbli relatur kien ferm diskret meta fir-rapport tieghu huwa qal illi

"*fejn jirrigwarda l-komunjoni ma jistax jinghad li giet ipprezentata stampa cara u ezawrenti biex wiehed jasal ghal konkluzjonijiet ibbazati fuq il-fatti kollha li setghu gew prodotti in sostenn tat-tezijiet tal-partijiet*";

Illi dwar dan il-punt il-Qorti nnotat li fl-imsemmija lista pprezentata mill-konvenut hemm imsemmija s-somma ta' Lm7000 li kellha l-bank, ktieb tal-bank numru L136482 gewwa bank malti, u n-numri ta' zewg kotba ta' flus iddepozitati fil-"British Savings"; b'dana kollu tul dawn is-snin kollha tal-kawza, u anki wara l-prezentata tar-rapport peritali li ttratta proprju anki fuq dan il-punt, ma ngiebet l-ebda prova ta' dawn il-kontijiet bankarji ghalkemm saru sottomissjonijiet finali dwar l-imsemmija Lm7000;

Illi jidher li l-attrici fil-mori tal-kawza xtrat appartament fejn qeghda tghix prezentement u fil-fatt dan il-post gie ukoll valutat mill-espert tekniku inkarigat, pero` anqas biss hemm kopja tal-kuntratt, fil-fatt dan ma jirrizultax li dan gie akkwistat definittivament mill-attrici ghalkemm fir-rapport ta' l-espert tekniku "*dan il-fond kien akkwistat mill-Awtorita` tad-Djar f'Gunju 1993.*";

Illi rrizulta li l-konvenut kien armel meta zzewweg lill-attrici u kellu t-tfal mill-ewwel zwieg u xtaq ukoll li jkollu minn jiehu kura tad-dar matrimonjali u ta' l-imsemmija ulied; inqas minn sena qabel izzewweg lill-attrici huwa kien ha b'kera l-hanut tal-grocer u waqt iz-zwieg xtara l-proprjeta` tal-fond innifsu; illi barra dan il-fond il-konvenut xtara wkoll garaxx f'Cuschieri

Street Birkirkara u l-attrici xtrat il-flat imsemmi fi blokk tal-Gvern f'Birkirara wkoll.

Illi fid-dawl ta' nuqqas ta' provi kif fuq kummentat, jigi rilevat li fil-parti finali ta' dawn il-proceduri u ezattament wara li l-abbli relatur esprima l-opinjoni li l-hanut ghandu jigi moghti lill-konvenut bhala parti mis-sehem tieghu mill-komunjoni ta' l-akkwisti, l-attrici insistit li l-hanut kellu jigi akkordat lilha billi fil-process saret ukoll referenza ghal xi flus fil-bank kif intqal aktar 'il fuq, izda l-attrici ma ressqet ebda prova konkreta dwarhom ghalkemm dawn kienu flus fil-bank illi allura setghu facilment jigu kkontrollati permezz ta' prova diretta tar-rapprezentanti tal-bank; l-istess jinghad ghall-konvenut li kkontenda li dawn il-flus gew irtirati minn martu u nefqithom, pero` xorta anki hu naqas li jgib xi prova dwar l-ezistenza u l-konsistenza ta' dawn il-kontijiet. Il-konvenut jghid li l-attrici kienet irtirat dawn il-flus, waqt li hija tghid li gibdithom (ma ssemmiex kemm) ghal htigijiet taghha u tal-familja;

Illi l-Qorti fid-dawl tar-rizultanzi processwali quddiemha tifhem li d-divizjoni proposta fir-rapport peritali tal-beni tal-komunjoni bejn il-kontendenti hija wahda ekkwa anki fid-dawl tal-valutazzjoni maghmula mill-espert tekniku u ghal dan il-fini tadotta u taghmel taghha l-istess relazzjoni;

Illi dwar il-manteniment, il-Qorti tosserva li wara l-emendi radikali li saru fil-ligi dwar il-manteniment, l-obbligu tal-manteniment issa sar tat-tnejn; fil-kaz odjern jirrizulta li l-attrici

hija izghar mill-konvenut u skond ix-xhieda taghha, fil-mori kienet anki tahdem ghal xi zmien; il-konvenut jiggestixxi l-grocer imsemmi ghalkemm fi kliem l-istess attrici mhux imexxieh tant tajjeb; b'dan kollu jkun opportun li fic-cirkostanzi il-konvenut ghandu jibqa' jghaddi lill-attrici l-manteniment li kien ihallasha sa issa, bl-iskop li fl-intervall l-attrici tkun tista' ssib mod iehor kif tmanti lilha nnifisha.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Domanda, wara li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba inkompatibilita` tal-karattri;

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-Tieni Domanda stante li l-ulied illum huma kollha maggorenni;

Tastjeni tiehu konjizzjoni tat-Tielet Domanda in kwantu tirreferi ghall-imsemmija ulied tal-kontendenti, waqt li tilqaghha fejn titlob alimenti ghaliha personalment b'dan li tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha ghal perjodu ta' sentejn minn meta din il-kawza tghaddi in gudikat, u tichadha ghal kull perjodu sussegwenti;

Dwar ir-Raba Domanda tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha in kwantu tirreferi ghat-talba ghall-pussess tal-proprjeta` dotali u parafernali, waqt illi tilqaghha in kwantu talbet illi tigi awtorizzata tamministra l-istess proprjeta`;

Tichad il-Hames Domanda kif dedotta fic-citazzjoni peress li mhemmx provi sufficjenti li jiggustifikawha, b'dan pero` li tiddikjara li z-zewg kontendenti tilfu d-drittijiet successorji reciproci taghhom;

Dwar is-Sitt Domanda, tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti sa issa ezistenti bejn il-kontendenti, u tiddividi l-istess komunjoni billi tassenja lill-attrici l-appartament numru tlieta (3) fi Blokk C, Binja tas-Salib, Birkirkara, u dak kollu li jinsab fih, b'dan pero` li ghandha tkun responsabbli ghal kull dejn li jista' jkun ghadu jaggrava dan il-fond, kif ukoll il-garage "Monte" fi Triq Cuschieri, Birkirkara u inoltre izzomm il-beni kollha inkluzi flus, f'idejha jew il-bank, li prezentement jinsabu fil-pussess taghha; waqt li lill-konvenut tassenjalu l-hanut mitejn u tlieta u sebghin (273) Fleur-de-Lys Road, Birkirkara u jigi dikjarat li f'din l-assenjazzjoni hemm inkluz ghal kull buon fini ukoll l-avvjament u dak kollu li jinsab fih, u l-beni kollha mobbli u flus li jinsabu f'idejh jew fil-bank li prezentement jinsabu fil-pussess tieghu inkluz dak kollu li fadal fid-dar li qabel kienu jghixu fiha iz-zewg kontendenti.

L-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur